**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Giovanni M. Grixti LL.M., LL.D.**

Seduta tal-14 ta' Jannar 2016

Appell Nru: 125/2014

**Il-Pulizja**

**(Spettur Joseph Busuttil)**

**Vs**

**Aldo Muscat**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Aldo Muscat detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 255872M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Nhar id-19 ta' Jannar, 2014, ghall-habta tal-23:25hrs bhala l-persuna responsabbli mill-gestjoni tal-Istabbiliment bl-isem ta' Ziggies Bar, li jinsab fi Triq il-Kahli, San Pawl il-Bahar: 1)Haddem jew gieghel, jew halla lil min ihaddem loud speaker, gramofon, amplifikatur jew strument bhal dawn, ghamel jew inkella gieghel jew halla li jsiru hsejjes daqshekk qawwija li jdejqu lid-detenturi jew lin-nies li jkunu joqghodu fil-qrib cioe lil Kevin Tabone u lil Vincent Grech; 2) Naqas li jhares xi wahda mid-dispozizzjonijiet ta' dan l-att jew xi kundizzjoni, restrizzjoni jew limitazzjoni ohra li ghaliha tkun suggetta

l-licenzja; 3) U aktar talli naqas li jobdi l-ordnijiet legittimi t'awtorita' cioe ta' P836 J. Vella w ta' PC347 J. Buttigieg persuni inkarigati minn servizz pubbliku, jew ma hallihomx jew fixkilhom waqt li kienu qeghdin jaghmlu d-dmirijiet taghhom jew b'xi mod iehor bla jedd indahal fi dmirijiethom billi ma hallihomx jaghmlu dak li b'ligi kienu ordnati jew jistaw jaghmlu jew billi gab fix-xejn jew hassar dak li PS836 J. Vella u ta' PC374 J. Buttigieg kienu ghamlu skond il-ligi jew b'xi mod iehor; u 4) aktar talli sar ricediv ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 u dan skond sentenza moghtija lilu mill-Magistrat Dr. S. Demicoli LL.D. nhar l-20 ta' Gunju, 2012. Il-Qorti kienet mitluba sabiex f'kaz ta' htija titratta mal-imputat bhala ricediv u thassar il-licenzja jew tordna li l-licenzja tal-imsemmi hati tigi mizmuma ghal dak iz-zmien li jidrilha xieraq jew inkella tissospendi ghal xi zmien fid-diskrezzjoni taghha (Art. 320 Kap 10, Art. 20 Kap 441).

Rat is-sentenza tal -Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tat-13 ta' Marzu, 2014, li permezz taghha wara li rat l-artikolu 41(2) tal-Kaptitolu 10 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikolu 43(1)(b) tal-Kaptiolu 409 u l-artikoli 338(ee) u 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputat hati tal-akkuzi kollha dedotti kontra tieghu u kkundannatu ghall-hlas ta' multa komplessiva ta' elf u hames mitt ewro (€1500). Finalment il-Qorti, ghazlet li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni ai termini tal-artikolu 20 tal-Kap. 441 u tal-Artikolu 320 tal-Kap 10 tal-Ligjiet ta' Malta;

Rat ir-rikors tal-appell ta' Aldo Muscat, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fis-26 ta' Marzu, 2014, li permezz tieghu talab lil din il-Qorti thassar u tikkancella s-sentenza appellata u konsegwentement tilliberah minn kull imputazzjoni u htija, u fin-nuqqas, tikkonfermaha f'dik il-parti fejn sabitu hati tal-akkuzi dedotti fil-konfront tieghu u thassarha f'dik il-parti fejn ikkundannatu jhallas multa ta' elf u hames mitt Ewro (Eur 1500) u konsegwentament, tipprovdi ghal piena aktar mita u idoneja fic-cirkostanzi.

Semghet il-provi;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Ikkunsidrat:

Illi fl-ewwel aggravju tieghu l-appellant jghid li l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-fatti. Huwa ma kellux jinstab hati [tal-ewwel u t-tieni akkuza] ghaliex skond certifikat mahrug minn *sound engineer* (li huwa esebit in atti), il-livelli ta' hoss tal-muzika fl-istabiliment tal-appellant huma fil-parametri permissibbli skond standards internazzjonali. Din il-Qorti rat kif dan ic-certifikat kien verament jezisti u kien ikkomissjonat mill-appellant biex jissodisfa wahda mill-kondizzjonijiet ghal-hrug tal-licenzja tieghu. Izda dan ma jfissirx b'daqshekk illi fil-gurnata u hin tal-akkuzi addebitati lilu ma kienx qieghed idoqq muzika b'volum li jdejjaq lill-ta' madwaru. Il-volum gholi ta' muzika, oltre li kien rappurtat minn erba persuni kien riskontrat minn zewg pulizija li marru fuq il-post biex jikkontrollaw dak li qed ikun rappurtat;

L-appellant jargumenta ukoll illi l-istabbiliment tal-appellant jinsab gewwa zona turistika u ta' divertiment u ghalhekk il-livell tal-hoss accettabbli f'irhula ohra mhuwiex bhal dak permessibbli f'din iz-zona. Dan huwa argument li din l-Qorti ma tistghax tikkunsidra ghaliex hemm kemm hemm hoss fid-dintorni, l-girien ghandhom dritt ghar-rispett tal-ghixien pacifku taghhom u jekk l-appellant kien qed idoqq muzika fl-livell li wassalhom biex jirrapurtaw lill-pulizija isegwi li kien qed joltrepassa l-livelli ta' dicenza. L-istess irid

jinghad dwar l-argument li l-appellant huwa kopert b'licenzja sahansitra b'licenzja specjali li tawtorizzah idoqq muzika amplifikata sahansitra sal-erbgha ta' filghodu. Dan ghaliex fil-permessi tieghu l-appellant huwa projbit milli jdoqq muzika li tinstema' minn barra kif ukoll li ma johloq ebda inkonvenjent lill-girien;

L-appellant jilmenta ukoll illi l-Ewwel Qorti kellha tillibera lill-appellant [dejjem fuq l-ewwel u t-tieni akkuza] minhabba konflitt fil-provi. Frankament din il-Qorti ma rriskontrat l-ebda konflitt fil-provi. Tlett girien u zewg ufficcjali tal-pulizija kkonfermaw daqq ta' muzika gholja provenjenti mill-istabiliment tal-appellant u l-istess appellant xehed illi kien qed idoqq muzika ghax kellu kull dritt skond il-licenzja tieghu. Tajjeb hawn ikun ribadit dak ta' spiss ritenut mill-Qrati taghna illi, anke jekk dan jammonta ghal-konflitt, *"mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghall-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l-Qorti, f'kaz ta' konflitt ta' provi trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kap 9 u tasal ghall-konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex ser temmu jew ma temmnux"* (**ara Pulizija vs Joseph Thorne App. Krim., 9.0703** u **Ir-Repubblika ta' Malta vs Dennis Pandolfino et Qrt. Krim 19.10.2006** fost diversi ohrjan). U l-provi fil-kaz in dizamina juru li l-Ewwel Qorti imxiet b'konformita' ma' dak ravvizat fl-istess artikolu. F'dan l-istess aggravju, l-appellant jargumenta illi fl-isfond ta' dan id-dubju kien jispetta lill-Ewwel Qorti taghmel dak li dejjem sar f'kawzi, simili, igifieri li tappunta espert biex jaghmel il-verifiki necessarji. Bid-dovut rigward, dan l-argument huwa wiehed ghall-kollox infondat u din il-Qorti ma tistghax tifhem kif l-appellant qieghed jinsisti fuq l-obbligu tal-Ewwel Qorti li tinnomina espert biex jirrelata dwar hsejjes li sehhew kwazi tlett xhur qabel u provenjenti minn amplifikatur tal-muzika l-kontroll ta' liema huwa f'idejn l-appellant. Oltre li l-Qorti ma kienet bl-ebda mod obligata taghmel dan, il-kaz odjern ma jirrigwardax hsejjes kontinwi provenjenti, ad ezempju minn

apparat tal-*airconditioning* izda minn apparat ta' muzika li fil-gurnata u hin kien rappurtat qed jindaqq f'livell gholi;

L-appellant jilmenta ukoll mis-sentenza tal-Ewwel Qorti kwantu din sabitu hati dwar it-tielet akkuza meta naqas milli jobdi l-ordni leggittima tal-pulizija li talbitu ibaxxi l-muzika. Iz-zewg ufficcjali tal-pulizija xehedu illi meta accedew quddiem il-bar tal-appellant mill-vettura taghhom setghu jikkonstataw id-daqq tal-muzika qawwija u meta dahlu talbu lill-appellant sabiex ibaxxi l-volum izda dan baqa' jinsisti li skond il-licenzja tieghu seta' jibqa' jdoqq sa nofs il-lejl u ghalhekk irrifjuta li jbaxxi l-volum. Fis-sottomissjonijiet mid-difensur tal-appellant jinghad illi appena kien ordnat jitfi l-muzika huwa ottempera ruhu minnufih. Dan izda mhux korrett. L-appellant qatt ma intalab jitfi l-muzika. L-pulizija kienu ordnawlu ibaxxi l-volum ghaliex ghandu jew mghandux permess skond il-licenzja, l-istess licenzja tiprojbieh milli jdejjaq il-girien. Fix-xhieda tieghu quddiem din il-Qorti l-appellant qal li hu tefa l-muzika kif ordnat izda meta mistoqsi kif ix-xhieda kkonfermaw li baqa' jdoqq wara l-hdax ta' filghaxija qal hekk: Jekk ghandi l-licenzja biex indoqq wara l-hin tal-hdax indoqq, imma l-bieb mghaluq. U dan, fil-fehma tal-Qorti jikkorrobora x-xhieda tal-girien u tal-pulizija b'mod inkonfutabbli li l-appellant naqas milli jobdi l-ordnijiet tal-pulizija;

L-ahhar aggravju tal-appellant jindirizza l-piena erogata minn din il-Qorti. Kif ritenut mill-Qrati taghna in materja ta' piena, l-principju regolatur huwa li din il-Qorti mghandhiex tiddisturba d-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti kwantu l-piena kominata sakemm din ma tkunx 'l hinn mil-limiti stipulati fil-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun anqas minn dik fil-fatt moghtija. Principju dan riaffermat b'mod kostanti kif jemergi mis-sentenza anke ricenti tal-Qorti tal-Appell Kriminali kollegjalment moghtija fil-kawza **Ir-Repubblika ta' Malta vs ..*ommisis*.. u Noel Frendo tat-3 ta' Dicembru 2015.**

Issa l-appellant kien soggett ghall-piena ta' bejn €1,164.69 u €23,293.73 dwar it-tieni akkuza li hi l-akbar fost il-pieni li seta jehel. Ghalhekk bhala piena komplessiva, l-piena kienet fil-parametri tal-ligi u tenut kont li l-appellant instab hati ukoll tal- addebitu tar-recediva minghajr konsegwenzi ta' zieda bi grad jew tnejn, l-piena kominata mill-Ewwel Qorti hija kwazi l-minimu imposta mil-ligi;

Ghal dawn il-motivi, l-appell qed ikun michud u s-sentenza appellata qed tkun konfermata fl-intier taghha.